# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, it-Tnejn, 25 ta' Ottubru, 2021

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1509/21/1 TA**

**ProCare Ltd (C 71386)**

**vs**

**Central Procurement and Supplies Unit**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' ProCare Ltd (is-Soċjeta' rikorrenti) tat-8 ta' Ottubru 2021;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Ottubru 2021 li bih anke laqgħet it-talbiet provvisorjament;

Rat id-dokumenti u atti tal-proċeduri;

Rat ir-risposta tal-Awtorita' intimata tal-15 ta' Ottubru 2021;

Semgħet ix-xhieda prodotta mill-partijiet;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2021;

Rat li ir-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Il-fatti**

B'dawn il-proċeduri s-Soċjeta Rikorrenti tilmenta li wara li l-Awtorita' intimata laqgħet l-offerta tagħha għall-konsenja ta' '*Nitrile Gloves'*, liema konsenja kellha tkun f'batches u mhux f'daqqa, l-intimati talbu li ssir konsenja waħda. Ma jidhirx li dan seta' jsir mis-Soċjeta' rikorrenti għalhekk baqgħet tinsisti iżda li l-ftehim kien ta' konsenja f'batches. L-Awtorita' intimata itterminat l-offerta peress li baqgħet adamanti li l-konsenja kellha ssir f'daqqa.

Is-Soċjeta' rikorrenti tinsisti li dan sar bi ksur ta' kull ftehim li kien hemm bejn il-partijiet, dan billi fost oħrajn il-kanċellament tal-ordni kien bi ksur ta' artiklu 13 *of the special conditions* (ara dok B a' fol 7). Għalhekk is-Soċjeta' Rikorrenti qegħdha titlob lil din il-Qorti li żżomm lill-Awtorita' intimata (1) milli tikkanċella, tħassar, twarrab jew tonqos milli tonora l-ftehim jew li b'xi mod iġġib fix-xejn dak il-ftehim u (2) tagħti, tiffirma, tiffinalizza, tilħaq ftehim, tesegwixxi, tissokta jew tidħol fi ftehim dwar l-istess ordni.

**Konsiderazzjonijiet**

Mingħajr ħtieġa li l-Qorti toqgħod tagħmel referenza għall-kwantita' ta' sentenzi fuq il-materja, huwa ormai risaput li ż-żewġ elementi prinċipali sabiex din il-Qorti takkorda l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huma tnejn, izda fil-każ ta' Awtorita` pubblika huma tlieta.

L-ewwel li ma jrid jirrisulta lill-Qorti fil-każ ta' Awtorita' Pubblika hu, li l-fatt temut tassew ikun ser jitwettaq. Huwa għalhekk li f'każi bħal dawn ai termini tal-artikolu 873(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, fil-każ ta' Awtorita' pubbilka huwa meħtieġ, l-intimat irid jikkonferma quddiem il-Qorti fil-miftuħ li dak il-fatt li qed jintalab li jkun miżmum tassew ser isir. Il-konferma lanqas hemm bżonn tkun bil-ġurament. Ikun biżżejjed li konferma bħal din tkun verbalizzata. Wara dan il-Qorti tgħaddi biex tqies it-talba abbażi taż-żewġ prinċipji imsemmija iżda anke xi kriterji oħra abbażi tal-artikolu 837(4) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Meta l-Qorti analizzat id-dokumenti esebiti u semgħet lil Pierre Calleja jixhed fl-interess tas-Soċjeta' rikorrenti fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2021 il-Qorti ma setgħetx ma tosservax li meta mistoqsi x'kienu d-danni li ser issofri s-Soċjeta' rikorrenti, dan insista fuq il-fatt li s-Soċjeta' rikorrenti riedet li tkompli twettaq il-kuntratt. Ippressat biex jispjega x'kienu d-danni, l-ewwel insista għaliex kienet ser tintilef somma ta' depositu ta' €5000 f'idejn l-esportatur barrani u ppressat qal li ma dawn hemm ukoll circa €70,000 qliegħ li kien ser isir iżda jintilef.

Issa huwa tagħlim tal-Qrati li ai fini ta' dawn il-proċeduri l-Qorti ma għandhiex tgħid kliem żejjed dwar il-mertu, għaliex dan ser ikun deċiż minn din il-Qorti adita pero' biex tiddeċiedi definittivament fis-sustanza l-pretensjonijiet tas-Soċjeta' rikorrenti. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fix-xorta ta' obbligazzjonijiet li tnisslu minn dan il-kuntratt.

Jemerġi li s-Soċjeta’ Attriċi allegatment ser tkun qed issofri danni fl-ammont ta’ €75,000. Minn imkien ma jirrisulta lil din il-Qorti li jekk it-talba tas-Soċjeta’ Rikorrenti ma tintlaqax id-danni li ser issofri ser ikunu rriversibbli. Ix-xewqa tagħha waħedha li trid tibqa’ għaddejja bil-kuntratt ma hiex fiha innifisha raġuni biex tintlaqa’. Mad-daqqa t’għajn ma jidhirx li hawn si tratta tax-xorta ta’ obbligazzjoni taħt artikolu 1127 iżda pjuttost taħt artikolu 1133 tal-Kodiċi Ċivili.

Lanqas ma hemm xi prova li dan il-kuntratt huwa ‘do or die’ għas-Soċjeta’ rikorrenti iġifieri li hemm fin-nofs l-esistenza tagħha minħabba l-aspett finanzjarju tal-kwistjoni. Għalhekk din il-Qorti tħoss li l-pendenza hija kwistjoni ta’ danni li ser issofri s-Soċjeta’ Attriċi jekk, l-Awtorita’ intimata tibqa’ għaddejja bl-atti li qed jintalbu li jkunu miżmuma.

Dan ifisser li f’kull każ, il-ħsara li s-Soċjeta’ rikorrenti tista’ ġġarrab jekk kemm-il darba ma tintlaqax it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat hija waħda li dwarha hi tista’ tikseb b’rimedju ieħor fis-sura ta’ danni jew risarċiment pekunjarju. Isegwi għalhekk, li l-ħruġ tal-Mandat fiċ-ċirkostanzi m’huwiex meħtieġ bħala rimedju peress dak li għandha quddiemha din il-Qorti ma huwiex il-każ li mingħajru s-Soċjeta’ rikorrenti ser issofri xi dannu li ma jistax jissewwa. (**Ara Digriet tas-16 ta' Novembru, 2009 fl-atti tal-Mandat Nru. 1760/2009/1 fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 1760/09 fl-ismijiet: Grace Borg pro et -vs- Ministeru tal-Edukazzjoni u Sport et**).

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qed tipprovdi, billi qabel xejn tirrevoka u tħassar id-digriet proviżżorju tagħha tat-8 ta' Ottubru 2021 u tiċħad it-talbiet kollha tas-Soċjeta' rikorrenti bl-ispejjes kontra tagħha.

**Mogħti kameralment illum 25 ta' Ottubru, 2021.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**